MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 924/2008

**C&M Marketing Limited (C11803)**
**vs**
**Albert Satariano ghan-nom u in rappresentanza ta' Scentiment Co. Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elf, sitt mija u tlieta u erbghin ewro u hamsa u disghin ewro centezmu (€1643.95) rapprezentanti din is-somma diversi konsenji ta' fwejjah u oggetti ohra konnessi mall-harsien tal-gilda u kkonsenjati fil-hanut tas-socjeta' intimata mis-socjeta' mittenti.

Bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra ufficjali u bl-imghax mid-data tal-fattura sad-data tal-hlas effettiv.

Is-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li fis-seduta tal-10 ta'Dicembru, 2009 gie prezentat kapitolo mill-Avukat Carlo Vigna u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li s-socjeta konvenuta naqset li tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------